

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

(Il-Każ M.7632 — Nokia/Alcatel-Lucent)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 214/07)

1. Fid-19 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Nokia Corporation ("Nokia", il-Finlandja) tikkwista fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll shiħi ta' Alcatel-Lucent SA ("Alcatel-Lucent", Franzia) permezz ta' offerta pubblika.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Nokia: il-provvista ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni tan-netwerk mobbli u servizzi relatati. Hija attiva wkoll fid-dejta u s-servizzi tal-immappjar diġitali,
- għal Alcatel-Lucent: il-provvista ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni tan-netwerk mobbli u fissi u servizzi relatati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) jew bl-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7632 — Nokia/Alcatel-Lucent, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).